# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 18

20 ta' Ottubru, 2025

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis- 3.14pm.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jeanette Grima – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 18

18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 16 u 17;
18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
18.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
18.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
18.6 Ħatra ta' Bord għall-interviews għall-Assistant Principal
18.7 Isem ġdid għat-triq ta' wara Triq Xagħman
18.8 Attivitajiet- World Children's Day, Christmas in the Square
18.9 Attivitajiet - oħrajn
18.10 Ilmenti u Suġġerimenti;
18.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
18.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

18.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 16 u 17

18.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.16 u 17 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 18.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

18.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal li kif setgħu jinnotaw, qed jitkompla x-xogħlijiet marbuta maz-zuntier tal-knisja. Il-kuntrattur qed isib xi diffikultajiet bil-bonavostri għax mhux kollha qedin jaqblu, avolja kienu nnumerati. Li qed jagħmlu huwa li qed ipoġġu ġebel dritt, biex jieħdu samples minn fuqu, biex eventwalment ikollhom l-*angle* li jrid jinqata' minn isfel u fuq.

18.3.2 Il-kunsill nforma lill-korporazzjoni Enemalta, li x-xogħol infrasturali tlesta minn naħa tal-kuntrattur, biex issa l-korporazzjoni tista' tibda tniżżel l-*cables* ta' Sannat Road u d-daħla tar-raħal minn taħt l-art. Għalhekk, il-kunsill qed jistenna l-korporazzjoni Enemalta biex jibda x-xogħlijiet minn naħa tagħhom. Is-sindku semma wkoll li l-fanali tad-daħla ta' Sannat issa qed jixegħlu kollha

18.3.3 Is-sindku qal li l-aħħar xita li għamlet far id-dranaġġ fi Triq taċ-ċimiterju, u għalhekk is-sindku qal li nhar l-Erbgħa li ġej fid-disgħa (9) ta' filgħodu għandu laqgħa ma' l-inġinier tal-korporazzjoni ta' l-ilma. Il-perit tal-kunsill ser ikun nfurmat biex jattendi din l-imsejħa laqgħa, liema laqgħa ser isir fuq il-post. Il-kunsillier Bajada staqsa jekk waħda mir-raġunijiet hijiex jekk il-*water culvert* mhuwiex ilaħħaq forsi għax il-katusi mhumiex ħoxnin biżżejjed. Is-sindku kkonferma li l-ammont ta' xita li niżlet f'daqqa jagħmilha diffiċli biex ilaħħaq ma' l-ilmijiet. Fil-fatt, xħin tbatti x-xita, l-ilma kollu jmur gol-*water culvert*. Bħala ħxuna ta' katusi, fejn il-kunsill il-katusi hija tas-600''. Il-sindku semma wkoll, li hemm residenzi li l-ilma tal-bjut, imur ġod-dranaġġ, li mhux suppost. Is-sindku kien għamel suġġeriment, li residenza biex tingħata l-*compliance certificate* biex is-sid ikun jista' idaħħal id-dawl u l-ilma, iridu jiċċekjaw il-*connections* mal-katusi ta' barra. Dan isir billi jintefa' l-kulur ġol-katusi, fejn jekk jirriżulta li joħroġ il-kulur fit-triq ifisser li l-katusa mhiex ikkomunikata mad-dranaġġ, u jekk le ifisser li ikkomunikata mas-sistema tad-dranaġġ. Soluzzjoni oħra hija li jsir il-ġibjun taħt il-*playing field*.

18.3.4 Rigward il-kalkara tal-Ġir, il-kunsill kellem lill-perit, ma jistax ikun hemm iktar skużi biex ma jitkompliex ix-xogħol. Il-perit nforma lill-kunsill li qed jistennew lill-SCH biex jiġu fuq il-post biex jagħti l-*way forward*. Is-segretarju eżekuttiv bagħtet imejl lill-kuntrattur bħala *gentle reminder* u anki s-sindku ċempel lill-perit personalment. Il-proġett kien beda waqt il-Covid, u apparti li qed tiddeterjora, il-kunsill ma jistax japplika għal aktar fondi qabel ma jitlesta dan il-proġett, fejn isemma l-bżonn li jinxtara trakk.

18.3.5 Il-korporazzjoni ta' l-ilma lestew ix-xogħlijiet fi Triq Xabbata, biex issa ser ikomplu fi Triq Dun Luqa, fejn ser isir id-dranaġġ u l-ilma għax mhemmx. Il-kunsilliera Cassar Sultana staqsiet rigward it-trinka li hemm mgħoddija fi Triq Sannat għall-*playing field* ta' Triq Marziena. Is-sindku qal li l-kuntrattur suppost tinqata' *square* kbira u jingħata t-tarmac. Il-kunsilliera Galea staqsiet, meta se tingħata it-tieni kisja tat-tarmac, bis-sindku jgħid li prerrogattiva tal-kuntrattur Is-sindku kkonferma li għat-tiġrija taż-żwiemel bilfors irid tingħata l-*wearing course* asphalt.

18.3.6 Fuq Triq Xamgħan, is-sindku tkellem mal-perit u ltaqgħu mal-kuntrattur. Is-sindku kompla li xorta baqa' xi *issues* ta' livelli, però, il-kunsill ma' jistax jibqa' jistenna u se jimxi mal-liveli li taw l-awtorità ta' l-ippjanar. Rigward in-naħa ta' wara ta' Triq Xamgħan fejn hemm il-karrijiet jista' jkun li hija art privata. Is-sindku qal li l-ħaddiema tal-kunsill naddfu din il-parti tar-raħal avolja mhux obbligu tal-kunsill, però, dritt wara persuni reġgħu marru jarmu mod illegali. Is-sindku ssuġerixxa li billi fejn qed jintrema dan l-iskart huwa propjetà ta' terzi persuni, jinbena ħajt tal-kantun mal-linja tat-triq biex jiġi evitat li jintrema' skart. Il-viċi sindku staqsa fuq l-isem li ser jingħata li din it-triq ġdida. Il-perit ġie mitlub biex jimmarka l-linja tat-triq, biex hekk isir il-*concrete gutter* u jinbena l-ħajt tal-kantun mill-*concrete gutter* il-ġewwa.

18.3.7 Is-siġra l-kbira ta' pjazza Santa Margerita jssa nqattgħet. Botanisti differenti huma ta' l-istess opinjoni li ma titħawwilx siġra oħra bħalha. Il-MELP ukoll hija ta' l-opinjoni li ma titħawwilx sigra oħra ta' l-Awwrikarja f'dak il-post, peress li tagħmel ħsara lill-bini. Kien hemm persuna li ssuġġeriet li jsir monument tal-vittmi tal-gwerra fil-pjazza minflok is-siġra. Hemm ħafna opinjonijiet differenti x'jista' jsir minflok is-siġra bil-kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet li jsir funtana u l-viċi sindku semma li jsir xi ħaġa li tfakkar Jum Sannat bħala kunsill. Is-sindku qal li jiġi sabiħ monumnet, però, mhux ta' l-opinjoni li jsir funtana.

## 18.4 Mistoqsijiet mill-kunsillieri

18.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet minn naħa tal-kunsilliera.

## 18.5 Komunikazzjoni mis-segretarju eżekuttiv

18.5.1 Is-segretrarju eżekuttiv nfurmat lill-kunsilliera li bagħtitilhom ċirkulari rigward *short term courses* kemm korsijiet li jsiru Malta kif ukoll barra minn Malta. Nhar l-Erbgħa li ġej, is-segretarju eżekuttiv ser tirċievi l-lista ta' korsijiet li wieħed jista' jagħżel minnhom jekk ikunu nteressati. Il-massimu li wieħed jirċievi grant hija sa erbgħa (4) t'elef ewro.

18.5.2 Il-*local permit system* marbuta mal-permessi ħa tiġi mħallsa mill-kunsill u jiġi *reimbursed* mill-*local goverment*. Il-kunsill jaqa' bejn Tier 1 u Tier 2, issa jridu jiġu diskuss mas-Sinjura Analise Duca li tieħu hsieb is-sistema.

18.5.3 L-attività tal-karnival ser tkun fid- disgħa (9) ta' Frar 2026.

18.5.4 Il-*Gala Dinner tal-Milied* organizzat mid-dipartiment tal-kunsilli lokali ser ikun il-Ġimgħa dsatax (19) ta' Diċembru, is-Siġġiewi. Il-kunsillieri huma nteressati li jattendu.

18.5.5 Kumpaniji tal-karnival qed jibagħtu l-kunsill juru x-xewqa li jipparteċipaw. Il-kunsill ser jirrikonoxxi l-interess tagħhom, però, għalissa ma jistax jikkommetti xejn sakemm ikunu jafu kemm ser ikun il-*budget* allokat.

18.5.6 Il-Ħadd sitta u għoxrin (26) ta' Ottubru ser isir iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Għawdex. Il-viċi sindku ser jattendi, peress li s-sindku ser ikun imsiefer. Fit-tmienja u għoxrin (28) t'Ottubru ser ikun hemm il-laqgħa tar-reġjun t'Għawdex, bil-viċi sindku ser imur għal din il-laqgħa.

18.5.7 Il-kunsilliera Cassar Sultana staqsiet lis-sindku jekk ta' l-IT kellmux lill-kunsill rigward il-*parking* tal-pjazza. Is-sindku qal li bħala kunsill kellhom komunikazzjoni magħhom u qed jistennew fejn ġejjin il-ħġieġ biex ikunu jistgħu jiddeterminaw kemm ser ikun hemm *parking bays* disponibbli.

18.5.9 Is-segretarju eżekuttiv qalet li nfetħu n-nominazzjonijiet tal-premju Ħaddiem tas-sena.

18.5.10 Il-presepju li ngħata mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, irid jintrema sad-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru.

18.5.11 Il-kunsilliera approvaw li s-segretarju eżekuttiv biex tmexxi sitta u erbgħin (46) siegħa leave għas-sena li ġejja 2026.

## 18.6 Ħatra ta’ Bord għall-interviews għall-Assistant Principal

18.6.1 Is-sindku qal li l-kunsill irid jaħtar bord għas-sejħa li ħarget marbuta ma’ post vakanti. Il-kunsilliera qablu li l-bord ser ikun kompost mis-Sindku, viċi sindku u l-kunsilliera Galea. L-intervisti ser isiru l-erbgħa disgħa u għoxrin (29) ta’ Ottubru filgħodu. Is-segretarju eżekuttiv qalet li kien hemm sebgħa (7) applikazzjoniet ta’ interess li daħlu.

## 18.7 Isem ġdid għat-triq ta’ wara Triq Xagħman

Il-viċi sindku semma fuq l-isem tat-triq ta’ wara Triq Xamgħan, bis-sindku qal, li hemm ukoll l-estensjoni ta’ Triq it-Tempju ta’ l-Imramma, prolungament ta’ Triq Paranji u triq oħra li trid tissemma hija parti minn Triq Seguna minn Pjazza tax-Xelina għal Triq il-Pinnur, kif ukoll triq ġdida faċċata ta’ Rose tar-ramla. Mena il-kunsill għandu ħames toroq ġodda biex japplika għal ismijiet tat-toroq. Il-kunsill kien għamel lista ta’ ismijiet li jistgħu jingħataw. Il-kunsill kellu lista ta’ ismijiet li possibilment jistgħu jingħataw. L-ewwel suġġeriemnt huwa ta’ ċertu wieħed Joseph Parpala, liema isem jissemma ħafna mill-għaqda ta’ l-armar, fejn kien mastrudaxxa, artist, volontarju kbir tal-knisja u tal-festa Santa Margerita, li imbagħad kien mar jgħix il-Marsa. Dan l-isem jien issuġġeriet mis-Sur Patrick Grima u zijuh. Il-proċedura hija li bħala kunsill jagħmlu bijografija żgħira tal-persuna. Il-viċi sindku rrimarka li bħala kunsill għandhom jiġu suġġeriti l-ewwel persuni Sannatin u li għamlu ġieħ lill-istat. Is-sindku qal, li huwa chairman tal-kumitat ta’ l-ismijiet tat-toroq, u dejjem saħaq fil-bord li l-ismijiet ikunu bil-Malti u mhux bl-Ingliż u li ma jagħmilx sens li jekk raħal ikun ġemellat ma’ xi raħal ieħor, isemmu xi triq għal dak ir-raħal. Dan il-każ ġara fi Triq Pisaniano, fejn issemmiet triq għar-raħal li kien ġemellat ma’ Sannat. Il-kunsilliera Cassar Sultana staqsiet jekk jistax jinbidel l-isem ta’ din it-triq, però, is-sindku saħaq li mhux daqshekk faċli u hemm spejjeż kbar involuti għax iridu jinbidlu l-ID cards, passaporti, etċ. Fuq l-applikazzjoni ta’ l-ismijiet tat-toroq, huwa mportanti li jkun hemm mehmuz dokumentazzjoni li din mhiex art privata. Kien hemm qbil li għandha tiġi msejħa laqgħa biex jiddiskutu fuq dawn l-ismijiet tat-toroq.

## 18.8 Attivitajiet- World Children’s Day, Christmas in the Square

18.8.1 L-attività li jmiss hija marbuta mal-*halloween* organizzata mill-kunsilliera Cassar Sultana. Fil-fatt, illum stess marret l-iskola ta’ Sannat tagħmel promozzjoni ta’ din l-attività li ser tittella l-Ħamis tletin (30) ta’ Ottubru madwar ir-raħal ta’ Sannat. Is-sindku rrimarka li jrid isemmi li is-Sur Aaron tal-*Gozo Creations Studio* offra li jagħmel *banner*, *poster* u *flyers* marbuta ma din l-attivita’ *free of charge*. Il-*flyers* ser jitqassmu fid-djar.

18.8.2 L-attività tal-*World Children Day* ser tittella fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru. F'din il-ġurnata wkoll kien ser ikun hemm programm mill-pjazza Bongu Malta ta' TVM plus, però, dan il-programm tħassar għax loġistikament kien impossibli. Għal dan il-program ikunu mistiedna nies li jaħdmu xi sengħa partikulari, personalitajiet u ikel tradizzjonali. Il-kunsill kien diġa' għamel lista ta' nies li jistgħu jipparteċipaw, però, qamet l-*issue* li dakinhar hemm il-ġurnata ddedikata għat-tfal, u għandhom it-tfal jew xi neputijiet. Il-kunsilliera Cassar Sultana qalet li ġiet avviċinata minn persuna biex tieħu sehem fil-*world children's day* peress li hija *Professional Slime*, però, għal din l-attività hija *fully booked* u anki din qed titlob disgħa mitt ewro (€900) u mhemmx budget disponnibli, anki għal fatt li ser tkun *free of charge* għat-tfal. Il-kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet li s-sena d-dieħla ikun hemm pakkett ta' attivitajiet għat-tfal marbuta ma' Erasmus +.

## 18.9 Ilmenti u Suġġerimenti.

18.9.1 Il-kunsilliera Cassar Sultana resqet ilment rigward is-siġra tal-ħarruba fi Triq Bardan biex tinżabar. Is-sindku qal, li biex tintmess is-siġra jridu permess ta' L-ERA.

18.9.2 Il-kunsilliera Cassar Sultana semmiet ukoll li l-ħaddiema tal-kunsill għandhom bżonn il-boroż. Is-sindku jaf b'din it-talba, però, qal li hemm issue li trid tiġi solvuta.

18.9.3 Il-viċi sindku staqsa fuq iz-*zebra crossing* tal-pjazza Santa Margerita, bis-sindku jwieġeb li din ser tinżabaħ u anki id-*double yellow lines*.

18.9.4 Il-kunsillier Bajada qal li kellu talba biex isir *parking* għal-persuni b'diżabilità. Is-sindku qal li dan li huwa mportanti u jista' jsir kif ukoll trid isir rampa fejn l-istatwi l-qodma biswit il-knisja.

18.9.5 Il-kunsilliera Cassar Sultana saqsiet meta ser jitwaħħlu l-bozoz neqsin li hemm f'xi toroq. Is-sindku qal li jiddependi ħafna mill-allokazzjoni finanzjarja.

18.9.6 Il-kunsillier Bajada qal li rċieva lmenti rigward il-*one ways* fi Triq ta' Ċenċ fejn id-dar ta' l-arċipriet. Is-sindku qal, li tabelli tal-*one way* ma twaħħlux minħabba l-pjazza, però saħaq li min ikun ipparkjat fejn l-istatwi l-qodma, irid jitla' l-fuq u jdur għal Triq Dun Xand Aquilina u mhux idawwar l-isfel.

18.9.7 Il-kunsilliera Cassar Sultana qalet li ser tkellem lid-direttur tal-*cleansing* rigward il-*mobile toilets* fi Mġarr ix-Xini. Is-sindku rrimarka li t-*tender* ikun għal erbgħa xhur tas-Sajf, avolja jistgħu jitolbu lid-direttorat biex ikunu is-sena kollha. Xi żmien ilu kien issuġerixxa li jsiru *toilets* taħt il-kiosk, però, kien hemm problema minħabba d-dranaġġ li ried jitla' fejn il-fabbrika tal-JCR.

18.9.8 Il-kunsilliera Galea resqet talba biex isir xi *sleeping police* fi Triq Dun Xand Aquilina għax ċertu sewwieqa qed isuqu bi speed eċċessiv.

18.9.9 Is-sindku qal li llum waqt laqgħa li kellu mal-*community police*, ġie ssuġġeriet li jsir *road inspection* fi Triq il-Kbira u Sannat Road rispettivament, peress li qed ikun hemm sewqan eċċessiv. Ta' min isemmi li fi Triq il-Kbira, skont *Transport Malta* ma' tistgħax isir *sleeping police,* peress li tgħaddi ix-xarabank tat-transport pubbliku.

18.9.10 Il-kunsilliera Cassar Sultana issuġġeriet li iktar il-quddiem jkellmu lill-għaqda ta' l-armar biex forsi ikunu jistgħu jagħmlu xi props ta' l-Għid, fejn tfal u familji jkunu jistgħu jieħdu ritratti magħhom. Is-sindku qal, li jridu jitkellmu iktar il-quddiem u jaraw x'ser jagħmlu flimkien mad-dimensjonijiet.

18.9.11 Il-kunsillier Bajada fakkar lis-sindku rigward il-ħadida li kienet intalbet minn anzjan biex ikun jista' jinżel jaħrat. Is-sindku kkonferma li din qed tinħadem.

18.9.12 Il-viċi sindku semma rigward il-kwotazzjonjiet li nġabru rigward is-sistema tad-dawl u *sound* għas-sala ta'l-iskola, issa li ġej żmien il-Milied. Il-kunsilliera Cassar Sultana qalet li hemm xi fondi apposta minn *Tomorrow's Schools*, però, is-sindku saħaq li dawn ikunu għal-infrastruttura. Il-ħsieb tal-kunsill huwa li jġibu fondi biex isiru sistema ta' dawl u *sound* ġdida, u l-għaqdiet tar-raħal ikunu jistgħu jużaw din is-sala mingħajr ħlas, naturalment jiġu ffirmat MOU ma' l-iskola. Is-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv biex tagħmel *meeting* mas-Sur Enzo Cachia tad-DPF rigward il-fondi disponibbli.

18.9.13 Il-viċi sindku wassal ir-ringrazzjamnet lis-sindku mingħand persuni li kienu resqu xi talbiet u li dawn saru.

18.9.14 B' referenza għall-ilment 104/2025, persuna talbet li jerġa jinbena ħajt tas-sejjieħ li waqa' bl-ilma tax-xita, li jinstab fi Triq Zabbetta u jgħati għall-passaġġ fir-raba'. Din it-talba intbagħtet bis-Sistema tal-*Works Request System* sabiex ikun jista jsir dan.

18.9.15 B' referenza għall-ilment 105/2025, resident talab li jitneħħa l-bin li hemm fi Triq Dun Xand Aquilina dan peress li se jkunu qed jibdew xogħolijiet ta' kostruzzjoni.

18.9.16 B' referenza għall-ilment 106/2025, resident talab li ssir *crash barrier* fi Triq il-Kalkara tal-Gir. It-talba intbgħatet lil Transport Malta u Transport Malta issuġġerew li nkellmu lill-perit tal-Kunsill sabiex nipprovdulhom pjanta. Irrimarkaw li suppost issir rapport lil pulizija jekk xi ħadd jaħbat ġo propjetà ta' xi ħadd ieħor, biex jiġi investigat min ħabat u jħallas għad-danni.

18.9.17 B' referenza għall-ilmenti 107/2025, residenta li toqgħod fi Triq Dun Luqa talbet li jsir *1 meter double yellow line* in-naħa tal-lemin tal-garage tagħha, dan peress li ma tkunx tista tidħol u toħroġ min ġol-garage tagħha.

18.9.18 B' referenza għall-ilment 108/2025, residenta talbet li ssir tabella biex ma jarmux skart quddiem il-binja ġdida tagħha fi Triq Moxa.

18.9.19 B’ referenza għall-ilment 109/2025, resident li joqgħod fi Triq il-ġdida fi Triq Xagħman talab jekk hux possibbli li din it-triq il-ġdida ssir ukoll bit-tarmac.

18.9.20 B’ referenza għall-ilment 110/2025, residenta li toqgħod fi Triq Xagħman ilmentat li meta ssir il-ġbir tal-iskart tal-ħġieġ tagħha ma kienx jinġabar dan peress li kien ikun f’kaxxa tal-kartun. Issa hija bdiet tpoġġi l-ħġieġ f kontenitur tal-plastik imma xi nies oħra bdew ipoġġu l-fliexken tagħhom u anke jkissruhom ġol-kaxxa tagħha. Hija talbet li jsiru *cameras* fit-triq tagħhom, dan peress li hemm xi nies li qed jarmu l-iskart quddiem ir-residenza tagħhom. Hija ilmentat ukoll li fejn l-*cat house* hemm xi kaxxi mormija bil-madum imkisser.

18.9.21 B’ referenza għall-ilment 111/2025, residenta li toqgħod fi Triq Xagħman staqsiet meta se tkun lesta din it-triq dan peress li fit-triq qed ikun hemm riħa ta drenaġġ. Hija staqsiet ukoll meta se jiġu nstallati l-*cameras* f’din it-triq.

18.9.22 B’referenza għall-ilment 112/2025, persuna ilmentat li wara l-maltemp waqgħu xi ħitan tas-sejjieħ fit-Triq ta’ wara it-Triq Mgarr ix-Xini. Hija ilmentat li ma jkunx jistgħu jidħlu bil-van għax ikompli jaqa’ l-ħajt u jispiċċaw isfel bil-van.

18.9.23 B’referenza għall-ilment 113/2025, residenta li toqgħod fi Triq Xagħman ilmentat rigward skart mormi fosthom biċċiet ta’ madum u ħġieġ, f’din it-triq fejn l-cat house. Hija ilmentat li dan huwa ta’ periklu għal qtates.

18.9.24 B’referenza għall-ilment 114/2025, resident qed jitlob li jsir *double yellow lines* quddiem il-bieb tar-residenza tiegħu fi Triq it-28 ta’ April kantuniera ma Triq Vincenzo Caruana Spiteri.

## 18.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 10 /2025

18.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 10/2025 li ntbgħatet permezz ta’ imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-kunsilliera Cassar Sultana. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 18.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

18.11.1 Il-laqgħa ntemmet fil-4.13pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal l-Erbgħa 19 ta’ Novembru fil-1.30pm.

Konfermati, illum 20 ta’ Novembru 2025

| | |
|---|---|
| (Iffirmata) | (Iffirmata) |
| Philip Vella | Jeanette Grima |
| Sindku | Segretarju eżekuttiv |